Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1302/2003

Mobisle Communications Limited

Vs

Poseidon Fisheries Ltd

Seduta tal-24 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin lira Maltija u erba' u tletin centezmu (Lm368.34) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta konvenuta skond Client Contract Number 8028 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn April u Dicembru 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u sitt lira Maltija u erba' u tletin centezmu (Lm368.34), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------